# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar 3 ta' Lulju, 2024

Avviz tat-Talba numru: 136/2022 CL

It-Tribunal;

**Frances Schembri (KI nru 0177960M)**

**vs**

**Andrea Bracciolani (KI nru 0178278A)**

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar l-10 ta' Mejju, 2022 fejn l-attrici talbet sabiex il-konvenut jigi ikkundanat u ordnat jhallas lill-attrici is-somma ta' hamest elef euro (€5,000), ghalkemm l-ammont dovut kien ferm aktar, rapprezentanti konsum tad-dawl u ilma biex jiggestixxi n-negozju tieghu waqt illi kien qieghed jaghmel uzu minn fond propjeta tal-attrici. Bl-ispejjez inkluz l-ittra ufficjali bil-procedura tal-166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u mandat ta' sekwestru.

Ra ir-risposta tal-konvenut li gie ipprezentatat fl-24 ta' Ottubru 2022, fejn iddikjara illi t-talbiet tal-attrici ghandhom jigu michuda peress illi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u l-attrici kellha tezebixxi kull kopja ta' ftehiem li ghandha mal-konvenut. Illi irrizulta illi ma kienx hemm licenzji u l-permessi necessarji biex tali fond jkun jista' jopera bhala café' u pizzeria. Illi fil-fatt dan il-fond inghalaq wara li saret spezzjoni mill-ufficjali tad-Dipartiment tat-Turizmu fil-21 ta' Lulju tas-sena 2021 minhabba li mi ma kienx hemm permessi.Illi minghajr pregudizzju ghal dak *su eccepit* ir-rikorrrenti ghandha tezebixxi kull prova ta' spejjez dovuti u li dawn huma dovuti mill-konvenut. Illi l-konvenut nefaq hafna spejjez fil-fond bi thejjija ghall-gestjoni tal-fond, li ma gawdix minhabba l-indempjenza kuntrattwali tar-rikorrenti u ghalhekk kien qieghed jipprezenta kontra talba kontra r-rikorrenti.

Fil-kontro talba, il-kovenut talab lit-Tribunal jiddikjara illi r-rikorrenti m'ezegwitx l-obbligazzjonijiet taghha skond il-kuntratt datat 13 ta' Frar 2019 meta naqset li tipprokura l-permessi biex il-fond jintuza' ghal pizzeria. Jiddikjara li l-konvenut inkorra eluf ta' euro spejjez ta' investiment li ma setax jgawdi minhabba din l-indampjenza u li

konsegwentament tilef is-sussidji moghti mill-gvern lin-negozji fi zmien il-pandemija. dawn id-danni gew limitati ghal €5000 ghal fini tal-kompetenza tat-Tribunal. Talab li dawn id-danni jigu likwidati u li l-attrici tigi ikkundatat thallas l-ammont likwidat lill-konvenut, bl-imghax u spejjez kontra r-rikonvezzjonata. Illi r-rikorrenti kienet obbligata totjeni l-licenzji kollha rekwiziti biex il-fond jkun jista' jigi operat bhala cafeteria u pizzeria li hija spjegata b'mod car fil-klawsola 4 mal-kuntratt datat 13 ta' Frar 2019 iffirmat bejn l-attrici u Nicola Campanella Dok AB1. Illi l-konvenut nefaq eluf ta' euro biex jizviluppa u jirranga l-post kif jidher f'Dok AB2 bil-pretenzjoni li l-attrici kienet ser totjeni l-permessi kollha. Illi fi zmien il-pandemija l-konvenut tilef eluf ta' euro ghax ma setax japplika ghas-sussidji li kien inghata mill-gvern ghal hlas tad-dawl u ilma, kirijiet u pagi tal-impjegati Dok AB3 ghax il-fond ma kellux il-licenzja mill-Awtorita' tat-Turizmu liema responsabilita' kienet tinkombi fuq l-attrici u n-nuqqas taghha li tadempixxi mal-obbligi taghha ikkawza danni lill-konvenut u b'hekk kellha ssir il-kontro talba.

Rat ir-risposta tal-kontro talba ipprezentat fil-15 ta' Novembru 2022 fejn l-attrici ma kellha ebda relazzjoni guridika mal-konvenut tant illi l-kerrej tal-fond kien Nicola Campanella u mhux il-konvenut rikovenzjonant u ghalhekk l-esponenti kellha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.Kien hemm kirijiet b'lura fl-ammont ta' madwar €6000 u l-konvenut kien jokkupa l-fond illecitament wara li ghamel ftehiem ma' terz. Hu kien qieghed jaghmel uzu mill-hanut u kien tella l-kont tad-dawl u ilma. Illi fil-mertu ghalkemm il-konvenut jghid illi ma setax jopera mill-fond irrizulta illi tant kien jopera illi kien tella' kont tad-dawl u ilma fl-ammont ta' €5000.

Fis-seduta tas-6 ta' Frar 2023, giet ipprezentata l-affidavit tal-attrici fejn iddikjarat illi hi kienet s-sid tal-hanut bl-isem l-Oasi del Gelato, li kien inbidel ghal Move u wara rega' inbidel ghal Muretti. Fit-13 ta' Frar 2019 dahlet fi ftehiem ma' Bernardo di Somma u hi kellha tapplika mal-Planning Authority biex minn class 6 gelateria jinbidel ghal hanut ta' t*akeaway* bit-tisjir, fejn wara li applikat kien hareg il-permess fid-19 ta' Settembru 2019 bid-data ta' 2 ta' Novembru 2019. F'Novembru 2019, Bernardo kien laqaghha ma' Nicola Campanella u qalilha li hu kien ser jmexxi l-hanut izda wara xahar kien mar l-Italja. Hu kien baqa' jhallas il-kera u d-dawl u ilma sa Mejju 2020 u kien qalilha biex taghmillu kuntratt sabiex jkun jista japplika ghas-sussidju tal-Covid peress illi l-hwienet kienu maghluqin. Hi kienet qabdet l-istess kuntratt li kellha ma' Bernardo u bidlet l-isem ghal Nicola Campanella. F'Gunju, Nicola ma kienx hallas il-kera ghax kellu bzonn jmur jaghmel operazzjoni l-Italja u qalilha li kien hemm Andrea Braccolani li kien ser jmexxi l-hanut. Kienu ftehmu li kien ser jaghmlilha transfer ta' €5000 biex jkopri l-kirja minn Lulju 2020 sa Dicembru 2020. Kienet saret taf illi Andrea u Nicola kienu ghamlu kuntratt bejniethom minghjar ma qalulha. F'Jannar 2021 Andrea kien hallas il-kera izda fi Frar kien qalilha li n-negozju ma kienx sejjer tajjeb u qalilha biex tistenna ftit u li ma kellux x'jaqsam mad-dejn li kellu Nicola maghha.Hi qatt ma kienet ftehmet ma' Andrea li ggiblu xi licenzja ghax il-kuntratt li kien ipprezenta ma kienx iffirmat mieghu. Hi kienet tghaddi spiss minn quddiem il-hanut u kienet tarah miftuh minn filghodu sa filghaxija kuljum barra nhar ta' Tnejn u kien jkollu hafna klijenti. Ma hallashiex kera u lanqas tal-konsum tad-dawl u ilma li kien tela propju ghaliex hu kien qieghed jopera mill-hanut sal-21 ta' Mejju 2021 il-kont kien tela ghal €4024.17, fit-12 ta' Awwissu 2021 l-kont rega' tela ghal €5546.04 u hi kienet tibghatlu messagg bil-whatsapp bir-ritratt tal-kont. Fid-19 ta' Awwissu 2021 hadet ritratti tal-post miftuh u bin-nies u fit-28 ta' Awwissu 2021 kienet hadet ritratt tieghu jbattal il-hanut. Jekk hu tilef xi sussidju tal-Covid jew il-fond ma kellux il-permess hi ma kellhiex x'taqsam mieghu ghax qatt ma kellha ebda ftehiem mieghu u jekk hu ftiehem ma' Nicola hi ma kellhiex x'taqsam. Hi fethet din il-

kawza wara li ipprovat tiftiehem kemm il-darba mal-konvenut li kien irrotorna c-cwievet tal-fond fil-5 ta' Settembru 2021 fejn kienu hadu l-qari tal-meter tad-dawl. Ghalkemm kien qieghed jokkupa l-fond u jahdem gewwa fiha minghajr ma jhallas kera jew jhallas ghad-dawl u ilma. Fit-12 ta' April 2023 Frances Schembri ikkonfermat illi kienet halset il-kont li kien hemm a foll. 64 wara li kienet talbet lil-konvenut jhallas il-kont izda kien injorha. Ra il-kontijiet pendenti lil Arms li gew ipprezentati permezz ta' nota.

Xehed Reuben Schembri, it-tifel ta' Frances Schembri li kellhom hanut Bugibba li kien jinkera lil Nicola Campanella izda Nicola telaq u tah f'idejn Bracciolani li kien hallas il-kera ta' hames xhur f'salt u huma tawh prezz ahjar minhabba fil-Covid. Wara beda jitlobhom jaghtuh cans biex jhallas minhabba fil-Covid u baqa' ma hallasx ghal kera u l-kontijiet tad-dawl li kienu telghu ghal €15,000. Huma kienu iddeciedew li jilimitaw it-talba taghhom ghal €5000 ghax kieku ghamulha ghal aktar, l-ispejjez kienu jitilaw mhux hazin u kienu gja ghamlu sekwestru  u ma sabu xejn. Wara li kienu bghatu hafna ittri lil Bracciolani u tad-dawl bdew jghidu li ser jaqtghuh, ommu kienet ratu jbattal il-hanut mill-affarijiet li lanqas biss kienu tieghu u kienu iltaqghu mieghu u mal-avukati u kien tahom ic-cwievet u bdew il-kawza ghax ma riedx jhallas. B'referenza ghad-dokument a foll. 6 jghid illi kien  dokument li ghamlet ommu li kienu l-kirijiet li kellu jaghti minn Jannar sa Awwissu 2021 li ammontaw ghal €11,091 u €6000 li kellu jhallas tad-dawl li flimkien kienu jammontaw ghal €15,800. Bracciolani kien jbiegh u jsajjar matul dak iz-zmien, tant illi kien hella d-dawl fl-2021. Ommu kellha thallas il-kont tad-dawl ghax kienu qatghu s-servizz.

Xehed Matthew Vassallo ghal Arms u ipprezenta l-ahhar invoice, statement of account u payment list tal-kont li turi li sar pagament fis-27 ta' Jannar 2022 fl-ammont ta' €4238.70 izda m'hemmx referenza min hallas dan il-kont.

Ra l-affidavit ta' Andrea Bracciolani li kien  beda jinnegozja ma' Nicola Campanella biex jiehu f'idejh il-hanut Café Move, f'Gunju 2020. Wara li ftiehem mieghu, kien iltaqa' mas-sidien tal-fond li kienu Frances Schembri u Maria u Grace Cilia fejn kienu qablu li l-fond ser jigi trasferit fuqu u kien ser jkun il-kerrej, qablu fuq il-mizata fix-xahar u li kellu jinkisbu l-permessi biex jkun jista' jsir tisjir tal-ikel. Kienu ftehmu li jiffirmaw il-kuntratt izda Frances irrifjutat li tiffirma mieghu ghax Nicola kien halla xi dejn pendenti. Hu kien gja investa l-flus fix-xiri tal-makkinarju u ghamara u kellu jcedi. Id-dejn ta' Frances kien xi €7000 u hallas dak kollu dovut sa Settembru 2020 fejn beda jitlob li jigi iffirmat il-kuntratt izda Frances baqghet tirrifjuta li tiffirmah. Fl-2021 li kienet sena difficli ma setax jiehu l-assistenza tal-gvern minhabba li ma kellux n-numru tal-MTA ghalkemm fil-kuntratt ta' Nicola Campanella l-kerrej kien obbligat li jikseb il-permessi mehtiega biex il-post jintuza ghal pizzeria jew take away u ghalhekk l-obbligi li kellha ma' Campanella kienu ghaddew ghal fuqu meta kienet tat il-kunsens taghha lilu jopera l-cafeteria. Meta gibdilha l-attenzjoni dwar l-irregolaritajiet fil-permessi hi infurmatu li kellu jbati l-ispejjez hu. Hu kien tkellem ma perit biex jara x'kien hemm bzonn li jsir izda meta qalulu kemm kellu bzonn fondi kien sorpriz. F'Awwissu 2021 zewg ufficjali tal-MTA marru fuq il-post u talbuh dokumenti li ma kienux fil-pussess tieghu u infurmawh illi l-post ma kienx skond il-permess u kellu jaghlaq ghax kien ser jigi immultat. B'hekk hu kien zarma l-apparat u ghalaq u rritorna c-cwievet lil Frances Schembri.

Ra l-affidavit ta' Grace Gauci nee Cilia li ikkonfermat illi missierha kellu propjeta' f'Bugibba li kienet tiehu hsiebha hi u dan il-fond kien jifdi ma binja adjacenti ta' Frances

Schembri li sa nofs l-2020 kien mikri ghand Nicola Campanella. Hu kien halla numru ta' kontijiet tad-dawl pendent warajh u kien hemm ftehiem bejn Campanella u Bracciolani li Bracciolani kien ser jiehu l-kuntratti ta' Campanella li kellu maghhom u ma' Frances Schembri. Ghal bidu beda jopera b'mod normali izda kellu jaghlaq fiz-zmien il-Covid ghax Frances ma kinitx gabitlu l-permessi biex jopera bhala Pizzeria u take away. Il-permessi kienu fuq isem Frances u mhux fuqha. Wara li kien gie xolt il-fehiem li kellu ma Frances hu baqa' jikri l-parti tal-fond taghhom biss, wara li l-postijiet gew maghluqa. Huma qatt ma kellhom problema ma' Bracciolani ghax dejjem hallas il-kontijiet kemm tal-kiri kif ukoll tad-dawl. Huma kienu gabu l-permessi biex Andrea jopera bhala takeaway u kien ghadu jikri minghandhom.

Fis-6 ta' Novembru 2023, il-konvenut talab differiment sabiex jharrek ix-xhieda fis-seduta li jmiss u t-Tribunal laqa' t-talba, u fl-10 ta' Jannar 2024, giet ipprezentata nota ta' rinunzja ta' patrocinju mill-avukat tal-konvenut u ghalhekk il-kawza regghet thalliet ghal gheluq il-provi konvenut. Fis-7 ta' Frar 2024 ma gewx ipprezentati ebda provi u l-attrici ipprezentat kapitoli fil-konfront tal-konvenut u ghalhekk il-kawza thalliet ghas-subizzjoni tal-konvenut. Fis-17 ta' April 2024, il-konvenut ma deherx u l-attrici talbet sabiex il-kawza tmur ghas-sentenza u li hi tigi illiberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Ra l-atti processwali u d-dokumenti kollha mressqa;

Ikkunsidra;

Din il-kawza hija dwar talba sabiex jithalsu l-kontijiet tad-dawl u ilma li kienu jammontaw ghal aktar minn €6000 izda minhabba l-kompetenza tat-tribunal, it-talba kienet giet ridotta ghal €5000. Min-naha l-ohra l-konvenut kien ghamel kontro talba ghax skond hu kien sofra danni li kienu aktar minn €5000, izda kien riducihom ukoll ghal €5000 ghal fini tal-kompetenza tat-Tribunal. Il-konvnut qal illi dawn id-danni kienu minhabba li l-attrici ma kinitx hadet hsieb li tohrog il-licenzji u permessi tal-MTA u li minhabba fihom ma setghex jibbenifika mis-sussidji tal-gvern tal-Covid fuq pagi, kera u dawl u ilma. Mix-xhieda li ipprezentat l-attrici jirrizulta illi ma kien hemm ebda ftehiem bejnha u bejn il-konvenut ghax il-kuntratt li kellha kien iffirmat ma' Campanella li mieghu kien ftiehem il-konvenut u li kien beda jopera l-hanut minflokku. Kien hemm ammont ta' kera u dawl u ilma dovuti li kienu ferm aktar minn €5000 izda hi kienet qieghda titlob €5000. Ikkonfermat illi hi kienet halset il-kontijiet pendenti mal-Arms li kien jammontaw ghal €6161.24 li kien il-konsum tal-hanut li kien ikkonsma il-konvenut. Gie ukoll prezentat Kapitoli fil-konfront tal-konvenut li meta gie msejjah ghas-subizzjoni ma deherx.

Il-konvenut ipprezenta affidavit tieghu fejn allega li l-hanut kien inghalaq minhabba li kienu ghalquh tal-MTA f'Awwissu 2021 u ta' Mary Grace Cauchi li kienet tiehu hsieb il-kirja tal-fond li kien jinfed mal-fond ta' Frances Schembri. Ma ipprezenta ebda dokumenti li juri x'kienu d-danni li kien sofra u ghalhekk il-kontro talba tieghu ma gietx ipprovata. Ra ukoll it-talba tal-attrici li talbet sabiex tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju taht l-artikolu 199. Ra l-artikolu 199 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta: *(1) Jekk, wara li kawża tissejjaħ tliet darbiet, il-parti l-waħda u l-oħra jew l-avukati tagħhom, jew, fil-kawżi quddiem il-qrati inferjuri, il-parti l-waħda u l-oħra jew l-avukati jew il-prokuraturi legali tagħhom, ma jidhrux, il-qorti tista' tordna t-tħassir tal-kawża minn fuq il-lista, bi spejjeż tal-attur.(2) Kemm-il darba jidher biss il-konvenut jew l-avukat jew il-prokuratur legali tiegħu, kif jagħti l-każ, hu jista' jitlob li jiġi meħlus mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż.*

Ghalkemm huwa minnu li l-konvenut bhala rikonvenzjonant ma deherx fis-seduta biex jkompli jipprezenta provi dan ma jfissirx illi kien raguni sufficenti sabiex l-attrici tinheles mill-osservanza tal-gudizzju u dan ghaliex kien gja deher l-avukat tieghu f'seduti precedenti u ipprezenta zewg affidavit f'zewg okkazzjonijiet separati. Ghalhekk din it-talba qieghda tigi michuda. Dwar in-nuqqas ta' dehra tal-konvenut it-Tribunal ra l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi illi, "*Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – (a) Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is- smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda.*"

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d- disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.*"

It-Tribunal josserva illi, in linea ta' principju, il-kapitolu hu fatt processwali li jgib mieghu effetti specifici, espressament previsti u determinati mill-ligi taht il-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Jinghad fid-decizjoni in re **Anthony Borg v. Samwel Veneziani**[1] *illi "din ic-cirkustanza hi hafna rilevanti ghaliex tfisser illi bin-nuqqas tal-konvenut appellat li jidher biex jikkontesta l-kapitolu, saret prova posittiva li l-ammont rekalmat mill-attur kien dovut lilu ghal ragunijiet minnu pretizi u dana bl-ammissjoni – anke jekk negattiva fis-sens ta' non-kontestazzjoni – ta' l-istess konvenut."*

Minn qari ta' din ic-citata disposizzjoni, jidher li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal gurnata ohra sabiex jisma' lill-parti mharrka f'kaz li din ma tidhirx quddiemu. Fil-kaz prezenti, il-konvenut gie debitament notifikat bl-atti processwali tant illi ipprezenta risposta kif ukoll kontro talba. Minkejja li l-konvenut kien ukoll ipprezenta zewg affidavit, jidher illi ma baqax jsewgwi l-kawza tieghu u l-attrici ipprezentat kapitoli fil-konfront tieghu fis-seduta tas-7 ta' Frar 2024. Fis-seduta tas 17 ta' April 2024 minkejja li l-konvenut gie msjjah tlett darbiet ghas-subizzjoni, ma deherx. Ghalhekk fin-nuqqas tad-dehra tal-konvenut li jidher ghas-smigh tal-kawza fejn il-konvenut kellu jipprezenta l-provi u d-difiza tieghu l-istess kien jisthoqqlu jigi emmnut. Ghalhekk dan ghandu jittiehed bhala mistqarr u b'hekk it-Tribunal laqa' t-talba tal-attrici sabiex il-kawza tmur ghas-sentenza.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tal-attrici u jiddikjara l-konvenut debitur tal-attrici fl-ammont ta' hamest elef euro (€5000) u jordna lil-istess konvenut jhallas l-ammont ta' €5000 lil-attrici bl-interessi mill-1 ta' Frar 2022[2] sal-hlas effettiv. Jichad il-kontro talba tal-konvenut. L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri,li jinkludi t-talba u l-kontro talba, kif ukoll tal-ittra ufficjali bil-procedura tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u l-mandat tas-sekwestru ghandhom jithalsu mill-konvenut.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**

---

[1] Appell Inferjuri, 28 ta' April 1998
[2] data tal-ittra ufficjali skond l-artikolu 166A